HAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Citta' Pinto)** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 56** **IT-TLIETA 11 TA' OTTUBRU 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 11 ta' Ottubru 2011 fis-7.15 ta' filgħaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Dennis Zammit, Angelo Briffa, Jeffery Camilleri, Bjorn Azzopardi, Ralph Puli, Thomas Harmsworth u Margaret Mercieca.

Il-Kunsillier Simon Vella Gregory u Jason Busuttil infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba xogħol u kienu skużati.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**56/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 55**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 55 li nżammet nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 55 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**56/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**56/02/01** **Is-Sindku** nforma li x-xogħol fuq il-proġett ta' tqegħid ta' pavimentar ġdid fi Triq Dun Ġwakkin Schembri nbeda u wieħed jista' diġa jara kif din it-triq, u pjazza se tkun mibdula u msebbħa mill-Kunsill.

**56/02/02** **Is-Sindku** nforma li bix-xogħol li qed isir fil-blokki tal-*Housing Estates*, f'isem l-Awtorita' tad-Djar, qed jitqajmu u jitressqu diversi problemi u diffikultajiet. Dawn il-problemi qed ikunu ndirizzati mill-perit tal-Kunsill u mill-perit tal-Awtorita' tal-*Housing*. Kollox qed isir skont il-pjanijiet tal-iskema mħabbra, u għalhekk id-deċiżjonijiet li jittieħdu huma kollha indirizzati mill-Awtrorita' tad-Djar u eżegwiti mill-Kuntrattur tal-Kunsill li qed jagħmel dan ix-xogħol.

**56/02/03** **Is-Sindku** nforma li wara li tlesta l-ewwel xogħol madwar il-*Housing Estate* ta' De La Cruz fil-parti ta' wara l-knisja, il-Kuntrattur waqaf ħmistax mix-xogħol kif ipprogrammat mal-*Housing Authority* madwar il-blokki ta' De La Cruz u għalhekk diġa waqa' lura. Is-Sindku nforma li kien tkellem mal-Kuntrattur u widdbu li l-programm irid jitkompla minnufih u kull ostakli fil-passaġġi għandhom ikunu mneħħija mmedjatament.

**56/02/04** **Is-Sindku** qal li l-kuntrattur *Central Asphalt* qed jistenna l-permessi meħtieġa sabiex jibda x-xogħol ta' manutenzjoni tal-culverts fi Triq il-Kbira faċċata ma' Triq Santa' Katerina. kif ukoll xogħol ieħor ipprogrammat fi Triq Dun Ġużepp Vella. Ma' dan ix-xogħol hemm ukoll xogħol ta' *extensive* patching f'diversi toroq fosthom prinċipalment fi Triq il-Belt Valletta.

**56/02/05** **Is-Sindku** nforma li nhar l-Erbgħa 5 ta' Ottubru saret il-laqgħa dwar in-*National Enterprise Support Awards* fejn il-Kunsill ġew mistiedna jipparteċipaw. Ir-regolamenti għal din is-sena ġew mibdula u għalhekk il-Kunsill għandu jara f'hiex jista' jipparteċipa.

**56/02/06** Is-Sindku nnota dwar **Memo 87 2011 - Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali 2011** fejn stqarr li kien issuġerixxa li l-Kunsill għandu japplika għad-devoluzzjoni tal-Mitħna li tinsab fi Triq il-Mitħna, kif ukoll ta' dawk il-postijiet l-oħra mportanti li jinsabu f'Ħal Qormi. Għalhekk għamel kuntatt mas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi dwar is-suġġett fejn mill-ewwel ġie nfurmat li din il-Mitħna se tkun devoluta lil Għaqda tal-Lokal.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona li l-Kunsill għandu jara b'mod urġenti x'binjiet u postijiet oħra għad fadal fil-lokalita' li l-Kunsill jkun jista' japplika għad-Devoluzzjoni tagħhom.

Il-Kunsill qabel li titħejja lista ta' dawn il-postijiet sabiex ikun jista' jmexxi minn hemm għad-Devoluzzjoni tagħhom.

## 56/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' SETTEMBRU 2011

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Settembru
**b)** *Bank Payments* Settembru 2011
**c)** *Petty Cash* Settembru 2011

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.
**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur** id-disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**56/04** ***TENDER SOLAR WATER HEATER***

**Is-Sindku** rraporta dwar is-sejħa għall-Offerti għal *Solar Water Heater* sabiex jiġi nstallat fuq il-bejt tal-Kunsill. Is-Sejħa dehret fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2011, kif ukoll fil-gazzetta ta' kuljum *The Malta Independent* ta' nhar l-Erbgħa 23 ta' Awwissu 2011.

L-offerta mitluba mill-Kunsill kienet għal *Solar Water Heater* ta' 150/180 litru kapaċita' kif speċifikat fis-sejħa ta' l-offerti. Ix-Xogħol huwa pproġġettat li jsir fuq il-bejt tal-Kunsill.

Għal din is-sejħa l-Kunsill irċieva tmien offerti fejn ir-rati kienu kif imniżżla fil-lista ppreżentata lill-Kunsill u annessa. **DOK 'B'**

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni tal-offerta mressqa mill-kumpanija *Solar Engineering Limited* għal *Solar Water Heater* Helionar ta' 150L għas-somma ta' €998.35, b'garanzija ta' għaxar snin, *Full Warranty*.

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** issekonda.

**Ivvutaw Favur** id-disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni. Il-Kunsill unanimament approva l-offerta tal-Kumpanija *Solar Engineering Limited.*

**56/05** ***QUARTERLY FINANCIAL PERFORMANCE REPORT* U *FINANCIAL SITUATION INDICATOR REPORT April-June 2011***

Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda it-tieni rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur – mill-1 ta' April 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011, għall-attenzjoni tal-Kunsill, flimkien mar-rapport *Financial Situation Indicator* għall-istess kwart tas-sena. Ir-rapporti kienu mqassma mad-dokumenti tas-seduta u ttieħdu bħala moqrija. **DOK 'C1-2'**

Il-Kunsill unanimament approva r-rapporti ta' kull tlett xhur, mill-1 ta' April 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011.

**56/06 MEMO 66-2011 - SKEMA TA' FINANZJAMENT GĦAL TITJIB FIL-*PLAYING FIELDS* EŻISTENTI**

Is-Segretarju ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ġabra qasira tar-rapporti maħruġa mill-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* dwar il-*playingfields* f'Ħal Qormi, fejn mir-rapport ġie stabbilit li l-*equipment* ta' *slides* li jinsabu fil-*playingfields* ta' Ġnien De La Cruz, ta' Ġnien tal-Monument tal-Gwerra u ta' Ġnien Federico Maempel, flimkien mal-*Climbing Equipment* f'dan l-istess ġnien, huma kkunsidrati ta' periklu u għandhom jitneħħew u jinbidlu, flimkien ma' lista ta' bdil ta' twapet ta' taħt l-*equipment* skont ir-rapporti mressqa. **DOK 'D'**
Il-Kunsill kien mitlub jieħu deċiżjonijiet neċessarji dwar xogħol li jeħtieġ isir f'dawn il-postijiet, sabiex b'hekk tkun ifformulata t-talba għall-finanzjament meħtieġ għal dan ix-xogħol skont l-iskema ta' finanzjament sabiex jittejbu l-*playing fields* eżistenti fil-lokalitajiet tagħhom.

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li dawn l-*equipment* għandhom jitneħħew b'mod immedjat, u titressaq l-applikazzjoni għal xogħol meħtieġ f'dawn il-*playgrounds*, b'talba għall-fondi għal dan ix-xogħol u *equipment* ġdid meħtieġ.

**56/07 TRAFFIC MANAGEMENT F'TRIQ DUN ĠWAKKIN SCHEMBRI**

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni pjanta mħejjija mill-Perit tal-Kunsill dwar proposta ta' *Traffic Management* fi Triq Dun Gwakkin Schembri, fejn qed ikun propost li d-dħul tal-vetturi jkun biss minn Triq il-Vitorja, u l-ebda dħul ieħor m'għandu jsir min-naħa ta' Triq Pinto. **DOK 'E'**

Din il-proposta kienet imressqa sabiex wara x-xogħol ta' pavimentar ġdid li qed isir fi Triq Dun Ġwakkin Schembri, jinħass il-bżonn urġenti li din it-triq/pjazza tkun imħarsa, u l-Kunsill għandu jfittex li din il-pjazza ssofri l-inqas ħsara minn vetturi. Kien propost ukoll li l-Kunsill għandu jiddiskuti l-possibilta' li ma jsir l-ebda parkeġġ f'din it-triq, sabiex ikun evitat kull ħsara u ħmieġ bi żjut fil-pavimentar ġdid. Ir-residenti li għandhom *garages* jkunu jistgħu jidħlu fil-*garages* bil-vetturi, kif ukoll jitħalla jsir tqassim ta' xogħol, imma mhux li jsir parkeġġ ta' vetturi.

Il-Kunsill qabel li l-proposta kif imħejjija mill-Perit tal-Kunsill għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta, filwaqt li għandu jsir diskussjoni mar-residenti u l-Għaqda tal-Banda Anici dwar l-idea li ma jsir ebda parkeġġ f'din it-triq.

Tressqu wkoll għall-attenzjoni tal-Kunsill pjanti mħejjija mill-Perit tal-Kunsill dwar il-problemi mressqa u diskussi f'seduti preċedenti dwar Tiiq il-Vitorja u Triq San Edwardu. Dawn il-pjanti għal *Build-out Victory Street u Built-out f'St. Edwards Street* kienu mressqa għall-approvazzjoni tal-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta. **DOK 'F 1-2'**

**56/08 MEMOS – 81 sa 94**

Il-Memos minn numru 81 sa 94 kienu mressqa u ċċirkulati għall-attenzjoni tal-Kunsilliera, b'attenzjoni partikolari għal Memo 84 2011 - Tħaris tal-Ordnijiet Permanenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

**DOK 'G 1-14'**

**56/09 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'H 1-8'**

1. Gal Xlokk - M313 Project - Il-Kunsill ġie infurmat li l-proġett imressaq għadda mill-*evaluation and administration tests and also has been ranked by the Decision Committee of the GAL XLOKK as a successful beneficiary.* Il-Kunsill issa jrid jistenna li dawn ir-rapporti jkunu mgħoddija mill-Managing Authority tal-MRRA għall-approvazzjoni.

2. Korrispondenza minn residenti għal *sleeping policemen* tul triq San Bartolomew. Dawn is-suġġerimenti ma' ġewx approvati.

3. Ktejjeb li ser jitqassam b'xejn lill-istudenti. Il-Kunsill qabel li għandu jinvesti f'dan il-ktejjeb għat-tfal tal-iskejjel.

4. Proposti - Riorganizzazzjoni tas-Swieq fil-Beraħ - Id-dokument imressaq kien iċċirkolat għall-attenzjoni tal-Kunsill.

5. Anici Band & Social Club: Korrispondenza mill-Segretarju Amministattiv kienet imressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill li ħa nota tal-kontenut tal-korrispondenza. Il-Kunsill innota li l-ftehim għandu jsir bejn l-Għaqdiet.

6. Talba – Triq l-Għaqda One Way - Il-Kunsill qabel li din it-talba tiressaq għall-attenzjoni tal-istess residenti għall-kummenti tagħhom, sabiex wara jkunu evalwati.

7. Kevin Cassar – Skips fi Triq ix-Xitwa. Ġiet diskussa talba sabiex l-iskips jitressqu minn Triq ix-Xitwa, għar-raġunijiet validi, u kien maqbul li dawn jitressqu u jitpoġġew faċċata, fl-istess triq, mal-ħajt ta' Triq id-Deheb Fin k/m Triq ix-Xitwa.

8. Joe Attard GreenMT – talba biex jitneħħew Bring-in Sites. Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mas-Sur Joe Attard tal-GreenMt dwar il-problemi tal-Bring-in Sites, fejn wara l-laqgħa dwar is-sitwazzjoni ġewwa Ħal Qormi, fejn jidħlu il-*Bring in Sites,* informa li minkejja it-tindif li jsir ta' kuljum, jidher li hemm tlett siti li qed jitlob li jitneħħew jew inkella jmorru post ieħor magħżul mill-istess Kunsill. Dawn huma, Tal-Ħandaq, Triq Guze Duca, u Triq In-

Negozju. Is-Sur Attard jinforma wkoll li dawn huma siti li vera qed jiġu abbużati anke minkejja li jitnaddfu kuljum. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li sabiex jitneħħew il-Kunsill irid l-approvazzjoni ta' Wasteserv Malta Limited, u ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jfittex postijiet alternattivi qabel jieħu deċiżjoni, għaliex kull deċiżjoni se tqajjem kritika dwar *Bring in sites* oħra fil-Lokalita'. Is-Sindku ssuġġerixxa li għandha ssir laqgħa mal-Wasteserv Malta Limited dwar dan is-suġġett.

56/10 **Is-Sindku** nforma li l-Kunsill rebaħ il-Kawża ta' l-Isproll kontra is-Sur Paul Magri dwar l-għeluq ta' Triq il-Wied, fejn b'deċiżjoni tal-Qorti ordnat il-ftuħ ta' din it-triq. Din id-deċiżjoni se tkun mgħoddija għall-attenzjoni tal-Pulizija sabiex tittieħed azzjoni. Sadanittant l-istess Paul Magri reġa ressaq taħrika fil-Qorti sabiex il-Kunsill iħallsu tal-art li ttieħditlu. **DOK 'J'**

56/11 **Il-Kunsillier Dennis Zammit** rrefera għal programm ta' laqgħat għażżgħażagħ fejn se jsir disseminazzjoni ta' informazzjoni. L-ispejjeż involuti huma ta' mija u ħamsin euro għal għaxar żgħażagħ.

56/12 **Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tad-diskussjoni li kellu f'laqgħa mal-Perit Stephen Farrugia dwar sit fi Triq Ħal Qormi viċin il-korsa tal-Marsa, b'referenza ukoll għall-MEPA *PC15/2009: Change in designation*, Triq Ħal Qormi. Qormi.

Kien iċċarat li l-Kunsill kien diġa kiteb lill-MEPA dwar is-suġġett fit-23 ta' Ġunju 2011, fejn il-Kunsill ressaq dawn il-kummenti annessi. **DOK 'K'**

Is-Sindku fisser li mal-Perit Farrugia dawn il-punti kienu ppreżentati u diskussi, u d-dokument ipprreżentat mill-Perit Farrugia dwar il-laqgħa ġie mressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill. **DOK 'L'**

56/13 **AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru 2011 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:40 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina<br>Sindku | John Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)